MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2003

Rikors Numru. 623/1997/1

Karl Fiorini u Ingrid Zammit

vs

L-Avukat Generali tar-Repubblika u, jekk jidhirlu li ghandu interess, Anthony Fiorini

Il-Qorti,

Rat ir-rikors ta’ Karl Fiorini u Ingrid Zammit presentat fit-3 ta’ Dicembru, 1997 li permezz tieghu gie premess :-

1. Illi miz-zwieg bejn l-esponenti Ingrid Zammit u Anthony Fiorini, twieled l-esponent Karl Fiorini .
2. Illi dan iz-zwieg gie annullat, u l-esponenti Ingrid Zammit irrivertiet ghall-kunjom ta’ xbubitha (cioe’ Zammit).
3. Illi l-esponent Karl Fiorini ghex ma ommu l-esponenti Zammit, minn mindu kellu sitt snin, u ma

ghandu ebda xorta ta' relazzjoni familjari ma' missieru Anthony Fiorini.
4. Illi huwa jidentifika, ghall-finijiet tal-hajja familjari, eskluzivament ma' ommu, li rabbietu u dejjem issagrifikat ruhha ghalih, fir-realta' jhossu estraneu ghall-missieru, mentri ghandu relazzjoni familjari mill-aktar qawwija ma' ommu.
5. Illi skond il-ligi (Art. 4(3) Kod. Civ.) huwa obbligat igib il-kunjom ta' missieru, u huwa vjetat li jgib il-kunjom ta' ommu biss.
6. Illi l-kunjom (family name) jista' jifforma element importanti mid-dgawdija tad-dritt fundamentali tal-hajja familjari, protetta mill-Art. 8 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.
7. Illi l-fatt li l-ligi dejjem timponi lill-ulied legittimi l-kunjom tar-ragel, ad eskluzjoni tal-kunjom tal-mara, (anke meta dan ma jirrispekkjax il-vinkolu familjari ezistenti de facto) jikkostitwixxi vjolazzjoni tal-protezzjoni kontra d-diskriminazzjoni a bazi ta' sess, vjetata mill-Art. 45 tal-Kostituzzjoni u mill-Art. 14 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

Dan premess ir-rikorrenti talbu li din il-Qorti joghgobha taghtihom dawk ir-rimedji kollha li jidhrilha xieraq biex twettaq id-dgawdija tad-drittijiet fundamentali msemmija fil-para. 6 u 7, fosthom billi tordna illi l-esponenti Karl Fiorini jigi minn issa l-quddiem maghruf bhala Karl Zammit ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi, okkorendo wara li tiddikjara null u bla ebda effett l-Art. 4(3) tal-Kodicii Civili. Bl-ispejjes.

Fir-risposta tieghu tal-11 ta' Dicembru, 1997 l-Avukat Generali talab li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, din il-Qorti tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti, inkluza t-talba ghad-dikjarazzjoni ta' nullita' tal-artikolu 4(3) tal-Kodici Civili.

Ikkunsidrat :-

Ir-rikorrent li huwa iben Anthony Fiorini u Ingrid Zammit qed jghid li bhala rizultat ta' certa fatturi fil-hajja familjari tieghu huwa aktar jassocja mal-familja ta' ommu, r-

rikorrenti Ingrid Zammit, milli ma dik ta' missieru. Hu jixtieq ghalhekk li jnehhi l-kunjom Fiorini u minfloku permess jadotta bhala kunjom proprju dak tal-familja tal-mama tieghu biex b'hekk mil-lum il-quddiem ikun maghruf bhala Karl Zammit.

L-artikolu 4(3) tal-Kodici Civili jiddisponi illi "Ulied iz-zwieg jiehdu kunjom misierhom, li warajh jistghu jzidu kunjom xbubit ommhom". Dan l-artikolu gie emendat fl-1993 billi dak inhar gie moghti d-dritt kontemplat fit-tieni parti tal-istess provediment. Ir-rikorrent ma ipprevalix ruhu minn dan id-dritt billi jhoss li ma ghandux aktar legam familjari ma' missieru nkawntu r-relazzjoni mal-missier kienet "wahda turbolenti u negattiva" u lill-missier jikkunsidrah biss bhala "my biological father" u jkompli jenfasizza li "m'ghandi x'naqsam xejn mieghu". Ghal kuntrarju r-rikorrent jghid li jidentifika ezkluzivament mal-familja ta' ommu billi kien in-nannu matern li rabbieh, edukah u tah id-direzzjoni fil-hajja. Ir-rikorrent ghalhekk ihoss li ma ghandux igib kunjom missieru u li r-restrizzjoni imposta fl-artikolu fuq citat qeghdha tilledi d-drittijiet tieghu ghad-dgawdija tal-hajja familjari kif protetta mill-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Inoltre qed jigi sottomess li tali restrizzjoni tikkostitwixxi vjolazzjoni tal-protezzjoni kontra d-diskriminazzjoni a bazi ta' sess, vjetata mill-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni u mill-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

Ikkunsidrat :-

Qabel xejn ghandu jigi rilevat li din il-Qorti hija marbuta ma' dak li jigi sottomess u mitlub fir-rikors promotur. Issa l-Artikolu 4(3) tal-Kodici Civli, li tieghu qed tintalab dikjarazzjoni ta' nullita nkwantu jilledi d-drittijiet protetti mill-Konvenzjoni Ewropea u l-Kostituzzjoni, jidher li huwa estraneu ghas-sitwazzjoni tar-rikorrenti Ingrid Zammit billi din ma hijiex milquta bl-istess provediment nkwantu dan jitkellem fuq x'jigri meta titwieled tarbija fiz-zwieg u jitkellem ukoll dwar id-dritt ulterjuri li wild jassumi wkoll kunjom l-omm. Ir-rikorrenti Zammit ma hijiex qed tallega xi forma ta' restrizzjoni fil-kaz taghha u inoltre jigi rilevat li

meta z-zwieg tal-konjugi Fiorini gie annulat ir-rikorrent Ingrid Zammit regat assumiet kunjom xbubita. Ghalhekk dak li jinghad fin-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti fir-rigward tad-diskriminazzjoni fil-konfront tar-rikorrenti Zammit (vide para. 3.3, 3.4, 3.5, u 3.6) huwa irrilevanti. Dan apparti l-fatt li mhux minnu dak li gie sottomess mir-rikorrenti li "fiz-zwieg, il-mara titlef kunjhomha u tassumi l-kunjom tar-ragel", billi bl-emendi li gew introdotti fl-1993 il-mara tista' izzomm kunjom xbubitha w tista' taghzel jekk ma dan zzid kunjom zewgha. Isegwi li din ir-rikorrent ma ghandha ebda interess guridiku fit-talba kif proposta.

Ikkunsidrat :-

Illi fit-tieni lok ma jidhirx li l-ilment tar-rikorrent Karl Fiorini bazat fuq l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni hija fondata. Infatti kif sewwa osserva l-intimat Avukat Generali fir-risposta tieghu ghar-rikors promotur, fl-artikolu in kwistjoni tal-Kodici Civili ma nsibu ebda element ta' diskriminazzjoni a bazi ta' sess billi "l-ligi ma tghidx il-wild nisa jiehdu kunjom mod u l-ulied subien jiehdu xi kunjom iehor. Il-Wild – hu ta' liema sess hu – jiehu l-istess kunjom .......".

Ikkunsidrat :-

L-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea jipprotegi d-dgwadija tad-dritt fundamentali tal-hajja familjari. Dan l-artikolu jghid espressament hekk :-

(1) Everyone has the right to respect for his private and family life, his home and his correspondence.
(2) There shall be no interference by a public authority with the exercise of this right except (sottolinear tal-Qorti) such as is in accordance with the law and is necessary in a democratic society in the interests of national security, public safety or the economic well-being of the country, for the prevension of disorder or crime, for the protection of health or morals, or for the protection of the rights and freedoms of others.

Qed jigi sottomess mir-rikorrent li l-kunjom 'jista' jifforma element importanti mid-dgwadija ta' dan id-dritt fundamentali u l-fatt li l-ligi fl-artikolu fuq citat tal-Kodici Civili ma taghtihx mezz kif "*jsarraf realta' emotiva f'realta' legali*" jilledi dan id-dritt.

Kif gja rajna l-Artikolu 4(3) jghati d-dritt lil kull wild fiz-zwieg li flimkien ma' kunjom missieru jgieb ukoll kunjom l-omm. Ir-rikorrent izda ma jaccettax din il-limitazzjoni billi, skond hu, emotivament huwa aktar migbud lejn l-familja ta' ommu u ghalhekk l-koncessjoni moghtija fl-istess artikolu ma tissodisfahx inkwantu hu jrid jissoprimi ghal kollox l-kunjom Fiorini.

L-artikolu tal-Konvenzjoni Ewropea fuq citat jistablixxi mhux biss il-principju generali ossia d-dritt li huwa protett izda jelenka numru ta' cirkostanzi meta l-limitazzjonijiet imposti mill-awtorita' jew l-interferenza ezercitat hija gustifikata bil-konsegwenza li din ma tkunx kunsidrata bhala leziva ta' dan id-dritt. Hija kwestjoni ghalhekk ta' valutazzjoni ta' bilanc bejn l-interess tal-individwu u l-htigiet ta' socjeta' demokratika. Infatti fil-kaz "Stejrna vs Finland" (25 ta' Novembru, 1994) intqal hekk fir-rigward : "The boundaries between the State's positive and negative obligations under Article 8 do not lend themselves to precise definition. The applicable principles are nonetheless similar. In both contexts regard must be had to the fair balance that has to be struck between the competing interests of the individual and of the community as a whole".

Naturlament qabel xejn irid jirrizulta li tali restrizzjoni "is in accordance with the law". Dwar dan ma jidhirx li hemm kontestazzjoni billi, anke kif jghid l-istess rikorrent, huwa provediment specifiku tal-ligi u cioe' l-Artikolu 4(3) li qed jigi abbinat mal-lezjoni tad-dritt tieghu ghad-dgwadija tal-hajja familjari. Dan l-artikolu, kif sewwa jirrileva r-rikorrent, ma jhallihx jaghzel li jiehu kunjom ommu minflok kunjom missieru.

Huwa minnu li kunjom "as a means of personal identification and of linking to a family ……… concerns his

or her private and family life”. (Burghartz vs Switzerland). Izda jidher li fil-kaz in ezami l-Artikolu 4(3) tal-Kodici Civili ma jnaqqas ebda dritt tar-rikorrent inkwantu huwa dejjem ghandu d-dritt li jzid mal-kunjom li nghata fic-cetifikat tat-twelid dak ta’ l-omm biex b’hekk tigi assikurata u rikonoxxuta r-rabta li huwa ghandu ma’ dik il-familja. B’dana kollu l-ghazla li r-rikorrent jrid jkun fil-liberta’ li jaghmel hija aktar determinanti billi jigi mwarrab kunjom bi preferenza ghall-iehor. Fil-fehma ta’ din il-Qorti dan id-dritt reklamat jista’ mhux biss jippregudika l-interessi ta’ terzi persuni, senjatament l-istess missier li b’din l-ghazla jitlef kull rabta, ghal anqas apparenti, ma’ l-istess ibnu; izda ukoll jista’ johloq incertezza fir-registrazzjonijiet tal-istat civili tal-persuni, bil-konsegwenzi negattivi li dan jista’ jgib f’materja ta’ wirt u fit-trasferimenti ta’ proprjeta’ immobiljari inter vivos. Gie spjegat lil din il-Qorti minn rappresentant tar-Registru Pubbliku l-mod kif jsiru r-registrazzjonijiet rigwardanti is-“Civil Status” ta’ persuna, kif ukoll l-pratiki li jikkoncernaw ricerki konnessi ma’ trasferimenti ta’ proprjeta’, li huma intrinsikament marbuta mal-kunjom ta’ dak li jkun billi r-registrazzjoni ta’ proprjeta’ hija, fil-maggor parti taghha, wahda personali. Huwa minnu li, kif jissottometti d-difensur tar-rikorrenti, din il-Qorti ma ghandhiex tippregudika lir-rikorrent billi ma tikkoncedix it-talba fuq il-bazi li l-akkoljiment taghha jista’ jgieb kambjament radikali fis-sistema ta’ kif tigi registrata proprjeta’ jew ghal konsiderazzjonijiet ohra ta’ natura amministrattiva, b’dana kollu din il-Qorti trid ta’ bilfors tizen l-ilment tar-rikorrent mal-konsegwenzi li l-akkoljiment tat-talba tista’ ggib biex b’hekk tara jekk dik ir-restrizzjoni lamentata hijiex permissibbli f’socjeta’ demokratika u ma tilledix l-interessi ta’ terzi.

Mill-fattispecji tal-kaz din il-Qorti hija tal-fehma li t-talba mhux gustifikata u dana billi :

a) Ir-rikorrent Karl Fiorini ghandu, u kellu sahansitra minn 1993 d-dritt li jzid il-kunjom ommu flimkien ma’ dak ta’ missieru

b) Illi l-istess Karl Fiorini ghal snin shah, minkejja l-allegata rabta emotiva mal-familja ta’ l-omm u l-kunjom

Zammit, ghazel li ma jzidx dan il-kunjom ma’ dak ta’ missieru.
c) Illi l-akkoljiment tat-talba tar-rikorrent tippregudika serjament u direttament lill-missier billi l-wild tieghu ma jibqax jgib kunjomu.
d) Illi t-talba giet proposta meta l-istess rikorrent kellu seba’ u ghoxrin sena u ghalhekk kien gja ha l-istat tieghu u kien maghruf ma’ kulhadd bil-kunjom Fiorini.
e) Illi l-akkoljiment tat-talba ggib kapovolgiment fis-sistema tar-registrazzjoni dwar l-istat civili u problemi kbar fit-trasferimenti ta’ proprjeta’ immobiljari.

Jidher ghalhekk li l-limitazzjoni ossia interferenza kontemplata fl-artikolu 4(3) hija gustifikata.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-Qorti tichad it-talbiet tar-rikorrenti bl-ispejjes kollha kontra taghhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------